2024/2922

21.11.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2922

tal-20 ta' Novembru 2024

li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għall-Kanada, għar-Renju Unit u għall-Istati Uniti fil-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji jew taż-żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 230(1) u 232(1) tiegħu.

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li biex jidħlu fl-Unjoni, il-konsenji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali jridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew minn territorju, jew minn żona jew minn kompartiment tiegħu, elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li l-konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali, li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jew territorji, jew minn żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura, iridu jkunu konformi magħhom biex jidħlu fl-Unjoni.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi tal-pajjiżi terzi, jew tat-territorji, jew taż-żoni tagħhom, li minnhom hu permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u tal-kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali u li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Dawk il-listi u ċerti regoli ġenerali li jikkonċernaw dawk il-listi huma stabbiliti fl-Annessi I sa XXII ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(4) B'mod aktar partikolari, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi tal-pajjiżi terzi, jew tat-territorji, jew taż-żoni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni, rispettivament, ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa.

(5) Il-Kanada nnotifikat lill-Kummissjoni dwar sitt tifqigħat tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI) fil-pollam fil-provinċji ta' British Columbia (5) u Saskatchewan (1), li ġew ikkonfermati bejn il-21 ta' Ottubru 2024 u l-31 ta' Ottubru 2024 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(6) Ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħa tal-HPAI fil-pollam fil-Kontea ta' Cornwall, l-Ingilterra, li ġiet ikkonfermata fis-17 ta' Novembru 2024 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/692/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/404/oj).

(7) L-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar ħames tifqigħat tal-HPAI fil-pollam fl-istati ta' California (3), Montana (1) u Utah (1) li ġew ikkonfermati fit-12 ta' Novembru 2024 permezz ta'analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(8) Wara dawk it-tifqigħat reċenti tal-HPAI, l-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada, tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti stabbilew żoni ristretti ta' mill-anqas 10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u implimentaw politika tal-qerda biex jikkontrollaw il-preżenza tal-HPAI u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda.

(9) Il-Kanada, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti ssottomettew informazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji tagħhom u l-miżuri meħuda biex jevitaw aktar tixrid tal-HPAI wara t-tifqigħat reċenti.

(10) Dik l-informazzjoni ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni jidhrilha li, fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fiż-żoni bir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada, tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti, jenħtieġ li d-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa minn dawk iż-żoni kkonċernati bit-tifqigħat reċenti jiġi sospiż sabiex jitħares l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni.

(11) Barra minn hekk, l-Istati Uniti pprovdew informazzjoni aġġornata lill-Kummissjoni b'rabta mas-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji tagħhom fir-rigward tal-HPAI li wasslet għas-sospensjoni tad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti, kif stabbilit fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(12) Il-Istati Uniti ppreżentaw informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika b'rabta maż-żewġ tifqigħat tal-HPAI fil-pollam fl-Istat ta' Florida, li ġew ikkonfermati fit-18 ta' Settembru 2024 u fis-7 ta' Ottubru 2024, permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(13) L-Istati Uniti ssottomettew ukoll informazzjoni dwar il-miżuri li ħadu biex jipprevjenu aktar tixrid tal-HPAI. B'mod partikolari, wara t-tifqigħat tal-HPAI, l-Istati Uniti implimentaw politika tal-qerda biex jikkontrollaw u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda, u lestew ir-rekwiżit tat-tindif u tad-diżinfezzjoni wara l-implimentazzjoni tal-politika tal-qerda fl-istabbilimenti tal-pollam infettat fit-territorju tagħhom.

(14) Il-Kummissjoni evalwat l-informazzjoni sottomessa mill-Istati Uniti, u jidhrilha li dawn ipprovdew garanziji xierqa li s-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali li wasslet għas-sospensjoni tad-dħul ta' konsenji ta' ċerti prodotti fl-Unjoni miż-żoni kkonċernati ta' dak il-pajjiż terz, kif stabbilit fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, ma għadhiex ta' theddida għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa pubblika fl-Unjoni u li, għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi awtorizzat mill-ġdid id-dħul fl-Unjoni ta' dawk il-konsenji miż-żoni kkonċernati tal-Istati Uniti, li minnhom kien ġie sospiż id-dħul fl-Unjoni.

(15) Għalhekk jenħtieġ li l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġu emendati biex ikunu jqisu s-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fir-rigward tal-HPAI fil-Kanada, fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti.

(16) Filwaqt li titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fil-Kanada, fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti fir-rigward tal-HPAI, u sabiex jiġi evitat tfixkil bla bżonn fil-kummerċ mal-Istati Uniti, jenħtieġ li l-emendi li għandhom isiru fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 b'dan ir-Regolament isiru effettivi b'urġenza.

(17) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikabbiltà

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Novembru 2024

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni CA-2.236 sa CA-2.241 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona CA-2.235:

"CA Il-Kanada	CA-2.236 Il-Kontea ta' Norfolk:	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		21.10.2024	
	CA-2.237 Il-Kontea ta' Norfolk:		N, P1		21.10.2024	
	CA-2.238 Il-Kontea ta' Norfolk:		N, P1		29.10.2024	
	CA-2.239 Il-Kontea ta' Norfolk:		N, P1		30.10.2024	
	CA-2.240 Il-Kontea ta' Norfolk:		N, P1		31.10.2024	
	CA-2.241 Il-Kontea ta' Norfolk:		N, P1		31.10.2024";	

(ii) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela li ġejja għaż-żona GB-2.330 tiżdied wara r-ringiela għaż-żona GB-2.329:

"GB Ir-Renju Unit	GB-2.330	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		17.11.2024";	

(iii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.679 hija sostitwita b'dan li ġej:

"US L-Istati Uniti	US-2.679 Il-Kontea ta' Norfolk:	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		18.9.2024	21.10.2024";

(iv) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.682 hija sostitwita b'dan li ġej:

"US L-Istati Uniti	US-2.682 Il-Kontea ta' Norfolk:	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		7.10.2024	8.11.2024";

(v) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.693 sa US-2.697 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US-2.692:

"US L-Istati Uniti	US-2.693 Il-Kontea ta' Norfolk:	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		12.11.2024	
	US-2.694 Il-Kontea ta' Norfolk:		N, P1		12.11.2024	
	US-2.695 Il-Kontea ta' Norfolk:		N, P1		12.11.2024	
	US-2.696 Il-Kontea ta' Norfolk:		N, P1		12.11.2024	
	US-2.697 Il-Kontea ta' Norfolk:		N, P1		12.11.2024";	

(b) il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni CA-2.236 sa CA-2.241 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona CA-2.235:

"Il-Kanada	CA-2.236 Il-Kontea ta' Norfolk:	British Columbia – Latitudni 49.20, Lonġitudni -121.85 Il-muniċipalitajiet involuti huma: 3 km PZ: Chilliwack 10 km SZ: Harrison Mills, Agassiz, Popkum, Bridal Falls u Slesse Park
	CA-2.237 Il-Kontea ta' Norfolk:	British Columbia – Latitudni 49.04, Lonġitudni -122.21 Il-muniċipalitajiet involuti huma: 3 km PZ: Abbotsford u Kilgard 10 km SZ: Barrowtown u Arnold
	CA-2.238 Il-Kontea ta' Norfolk:	Saskatchewan- Latitudni 51.21, Lonġitudni -106.42 Il-muniċipalitajiet involuti huma: 3 km PZ: Loreburn 10 km SZ: Willner
	CA-2.239 Il-Kontea ta' Norfolk:	British Columbia – Latitudni 49.10, Lonġitudni -122.05 Il-muniċipalitajiet involuti huma: 3 km PZ: Atchelitz 10 km SZ: Chilliwack, Cultus Lake, Barrowtown, Baker Trails Deroche, Dewdney, Lindell u Lindell Beach
	CA-2.240 Il-Kontea ta' Norfolk:	British Columbia – Latitudni 49.10, Lonġitudni -122.05 Il-muniċipalitajiet involuti huma: 3 km PZ: Abbotsford 10 km SZ: Aberdeen, Aldergrove, Gifford, Kilgard, Matsqui, u Upper Sumas
	CA-2.241 Il-Kontea ta' Norfolk:	British Columbia – Latitudni 49.83, Lonġitudni -124.48 Il-muniċipalitajiet involuti huma: 3 km PZ: Powell River u Myrtle Point 10 km SZ: Distrett Reġjonali ta' Qathet, u Sliammon";

(ii) fl-entrata għar-Renju Unit, id-deskrizzjoni li ġejja taż-żona GB-2.330 tiżdied wara d-deskrizzjoni taż-żona GB-2.329:

"Ir-Renju Unit	GB-2.330	qrib Rosudgeon, San Ives, Cornwall, l-Ingilterra, GB The area contained with a circle of a radius of 10 km, centred on WGS84 dec, coordinates N50.11 and W5.42";

(iii) fl-entrata għall-Istati Uniti, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni US-2.693 sa US-2.697 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona US-2.692:

"L-Istati Uniti	US-2.693 Il-Kontea ta' Norfolk:	L-Istat ta' Montana Missoula 04 Il-Kontea ta' Missoula: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li jibda mill-punt fit-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 113.8753999°W 46.9354097°N)
	US-2.694 Il-Kontea ta' Norfolk:	L-Istat ta' Utah Piute 01 Il-Kontea ta' Piute: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li jibda mill-punt fit-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 112.2539639°W 38.4920711°N)

	US-2.695 Il-Kontea ta' Norfolk:	L-Istat ta' California Fresno 11 Il-Kontea ta' Fresno: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li jibda mill-punt fit-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 119.9711704°W 36.5435250°N)
	US-2.696 Il-Kontea ta' Norfolk:	L-Istat ta' California Fresno 12 Il-Kontea ta' Fresno: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li jibda mill-punt fit-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 119.8565894°W 36.5054649°N)
	US-2.697 Il-Kontea ta' Norfolk:	L-Istat ta' California Kern 01 Il-Kontea ta' Fresno: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li jibda mill-punt fit-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 119.5366570°W 35.7457170°N)';

(2) fl-Anness XIV, fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(a) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni CA-2.236 sa CA-2.241 jiżdiedu wara r-ringieli għaż-żona CA-2.235:

"CA Il-Kanada	CA-2.236 Il-Kontea ta' Norfolk:	POU, RAT	N, P1		21.10.2024	
		GBM	P1		21.10.2024	
	CA-2.237 Il-Kontea ta' Norfolk:	POU, RAT	N, P1		21.10.2024	
		GBM	P1		21.10.2024	
	CA-2.238 Il-Kontea ta' Norfolk:	POU, RAT	N, P1		29.10.2024	
		GBM	P1		29.10.2024	
	CA-2.239 Il-Kontea ta' Norfolk:	POU, RAT	N, P1		30.10.2024	
		GBM	P1		30.10.2024	
	CA-2.240 Il-Kontea ta' Norfolk:	POU, RAT	N, P1		31.10.2024	
		GBM	P1		31.10.2024	
	CA-2.241 Il-Kontea ta' Norfolk:	POU, RAT	N, P1		31.10.2024	
		GBM	P1		31.10.2024";	

(b) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli li ġejjin għaż-żona GB-2.330 jiżdiedu wara r-ringieli għaż-żona GB-2.329:

"GB Ir-Renju Unit	GB-2.330	POU, RAT	N, P1		17.11.2024	
		GBM	P1		17.11.2024";	

(c) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.679 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"US L-Istati Uniti	US-2.679 Il-Kontea ta' Norfolk:	POU, RAT	N, P1		18.9.2024	21.10.2024
		GBM	P1		18.9.2024	21.10.2024";

(d) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.682 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"US L-Istati Uniti	US-2.682 Il-Kontea ta' Norfolk:	POU, RAT	N, P1		7.10.2024	8.11.2024
		GBM	P1		7.10.2024	8.11.2024";

(e) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.693 sa US-2.697 jiżdiedu wara r-ringieli għaż-żona US-2.692:

"US L-Istati Uniti	US-2.693 Il-Kontea ta' Norfolk:	POU, RAT	N, P1		12.11.2024	
		GBM	P1		12.11.2024	
	US-2.694 Il-Kontea ta' Norfolk:	POU, RAT	N, P1		12.11.2024	
		GBM	P1		12.11.2024	
	US-2.695 Il-Kontea ta' Norfolk:	POU, RAT	N, P1		12.11.2024	
		GBM	P1		12.11.2024	
	US-2.696 Il-Kontea ta' Norfolk:	POU, RAT	N, P1		12.11.2024	
		GBM	P1		12.11.2024	
	US-2.697 Il-Kontea ta' Norfolk:	POU, RAT	N, P1		12.11.2024	
		GBM	P1		12.11.2024".	